MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 32/2011/1

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**v.**

**Alfred Camilleri**

**Il-Qorti:**

## I. <u>L-ordni ta’ riferenza</u>

B’Att ta’ Akkuza Nru. 4 tal-2010, Alfred Camilleri (ID 432351M) kien mixli quddiem il-Qorti Kriminali b’importazzjoni ta’ medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr l-awtorizzazzjoni tas-Supretendent tas-

Sahha Pubblika, b'assocjazzjoni ma' persuna/i f'Malta jew barra sabiex ibigh u jittraffika din il-medicina, u b'pussess ta' din il-medicina.

Permezz ta' digriet moghti fit-23 ta' Mejju 2011, il-Qorti Kriminali ghamlet ordni ta' riferenza lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) sabiex – *"... jigi determinat jekk dak li gie rrapurtat li qal l-imputat mill-Ispettur Norbert Ciappara, PC Ryan Fenech, PC Nikolai Borg u PS Johann Micallef jilledix id-dritt ghas-smiegh xieraq tal-imputat, kif sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem minhabba l-fatt li l-istess akkuzat ma kienx inghata l-fakolta` qabel ma gie interrogat li jikkomunika ma' avukat ta' fiducja tieghu, dritt ormai kristallizat anke minn gurisprudenza nostrali fi tliet kawzi partikolari."*

## II. <u>Is-sentenza tal-Ewwel Qorti</u>

B'sentenza taghha tas-16 ta' Jannar 2012, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) ["l-Ewwel Qorti"] tat decizjoni fejn –

"1. Iddikjarat illi kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali ta' Alfred Camilleri protett mill-Artikolu 6(3)(c) abbinat mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan peress li ma kellux dritt ghall-access ta' avukat qabel sarulu domandi mill-Ispettur Norbert Ciappara fi Triq Sant'Ursola, Valletta u fid-dar 134, Triq Sant'Ursola, Valletta fis-7 ta' Settembru 2006.

"2. Iddikjarat li fil-kors tas-smiegh tal-proceduri kriminali m'ghandux isir uzu ta' provi li jkunu jirreferu ghal dak li qal Alfred Camilleri lill-Ispettur Norbert Ciappara fis-7 ta' Settembru 2006 gewwa Triq Sant'Ursola, Valletta u fid-dar numru 134, Triq Sant'Ursola, Valletta, bi twegiba ghal domandi li ghamillu l-istess spettur.

"3. Peress li l-kaz qieghed jinstema' quddiem il-Qorti Kriminali, tqis li ghandha tkun dik il-qorti li taghti ordni li tkun konformi ma' dak li gie deciz f'din is-sentenza dwar

x'ghandu jsir minn dawk il-partijiet tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara, Diane Fenech, PS1086 Johann Micallef u PC213 Nicolai Borg b'riferenza ghal dak li qal Alfred Camilleri lill-pulizija fis-7 ta' Settembru 2006."

L-Ewwel Qorti ordnat illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, u li r-Registratur jibghat kopja tas-sentenza lill-Qorti Kriminali.

**III. <u>L-accertament tal-fatti</u>**

L-Ewwel Qorti accertat dawn il-fatti –

"1. Il-pulizija kienet inghatat informazzjoni dwar traffikar ta' droga minn certu Mario Abdilla. Jirrizulta li, bl-intervent tal-Magistrat, saret controlled delivery ta' kaxxa li waslet f'Malta bl-ajru b'titjira minn Londra. Il-kaxxa nfethet mill-pulizija u fiha kien hemm mera u fuq wara nstabu ammonti ta' pilloli li l-pulizija ssuspettat li kienu ecstasy. Fuq ordni tal-Magistrat, il-pilloli tnehhew u kollox tqieghed fl-istat li kien qabel infethet il-kaxxa. Minn hemm 'il quddiem il-pulizija kienet qieghda tosserva l-movimenti tal-kaxxa, li jirrizulta li fis-7 ta' Settembru 2006 ittiehdet minn Mario Abdilla u Alfred Camilleri mill-ufficcju ta' Thomas Smith Group, Triq San Kristoforu, Valletta ghal gewwa dar fl-istess triq li fil-kors tal-investigazzjoni rrizulta li fiha kienet tghix omm Camilleri.

"2. Meta gie biex isir l-interrogatorju ta' Camilleri fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fit-8 ta' Settembru 2006 fis-2.16 p.m., ma kienx inghata l-fakoltà li jikkomunika ma' avukat ta' fiducja qabel sarulu d-domandi mill-Ispettur Ciappara. Dak iz-zmien persuna arrestata ma kellha l-ebda jedd li tikkomunika ma' avukat qabel isirulha domandi mill-ufficjal tal-pulizija li jkun qieghed jinvestiga l-kaz. Madankollu Camilleri -

"a. Ma ffirmax l-istqarrija;

"b. L-unici domandi li wiegeb ghalihom kienu li jahdem ghal rasu, li f'dak iz-zmien ma kienx qieghed

jahdem u fl-Ingilterra kien hemm proceduri sabiex ikun boarded-out, kien divorzjat bi tlett itfal, ghandu karrozza Peugeot 306, ghandu mobile bin-numru 99806449. Zied ighid ukoll li l-mobile l-iehor (Samsung) kien tieghu, izda s-sim card kienet ta’ Mario Abdilla u li ma kienx jaf in-numru. Inoltre, qal li s-simcard fil-mobile l-iehor (tal-marka LG) kienet tieghu.

“Pero` mid-digriet li bih giet ordnata r-riferenza kostituzzjonali, hu evidenti li l-ilment ta’ Alfred Camilleri hu limitat ghal dak li seta’ qal barra u gewwa d-dar fejn instabet il-kaxxa li fiha kien hemm il-pilloli.

“3. Fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2011, l-Ispettur Ciappara spjega li Camilleri kien gie arrestat ic-Cirkewwa, flimkien ma’ certu Mario Abdilla, u ttiehed f’dar f’Sant Ursola, Valletta. Waqt li kienu fit-triq, l-Ispettur Ciappara qal li tkellem ma’ Camilleri: “Gharraft lil Camilleri li qed naghmel investigazzjoni dwar id-droga u li hu ma kellu l-ebda obbligu li jwegibni ghad-domandi li ser naghmillu. Staqsejtu fejn joqghod u hu qalli, jekk niftakar sew, 118, Triq Sant’Ursola l-Belt. Staqsejtu min joqghod fil-fond li kienu indikawli l-pulizija fi Triq Sant’Ursola u hu qalli li hemmhekk toqghod ommu. Staqsejt lil Camilleri x’kien ghamel dakinhar u hu qalli xejn partikolari. Staqsejtu kienx irtira pakkett minn x’imkien u wiegeb fin-negattiv. L-istess staqsejtu jekk kienx dahhal xi pakkett fir-residenza in kwistjoni, wiegeb l-istess fin-negattiv. Ghidtlu ‘Inti zgur dwar dan?’ u hu wiegeb illi kien mar xi hadd u hallielu pakkett hemmhekk”. L-Ispettur kompla jghid li gharraf lil Camilleri li ried li jaghmel tfittxija fir-residenza. Camilleri m’oggezzjonax izda talab lill-pulizija li jkunu prudenti ghaliex fid-dar kienet tghix ommu. Cemplu l-qanpiena u omm Camilleri waddbet mis-sular ta’ fuq ic-cavetta u Camilleri fetah il-bieb ta’ barra. Zied ighid:- “Meta staqsejtu jurini l-pakkett li kienet gabitlu din it-terza persuna qalli “jiena qatt m’ghidtlek hekk”. Ghidtlu, “Inti m’ghidtlix li dahhalt pakkett?” u wiegeb “Iva ghidtlek hekk”. Urieni taht it-tarag, kien hemm purtiera, fetahha u xeghel id-dawl taht it-tarag b’bozza zghira. Hemmhekk jiena rajt hafna affarijiet fosthom din il-kaxxa li ghadni kif iddiskrivejt. Staqsejtu jurini liema hu l-oggett li tah dan Joe

u hu mmarkali tapit antik. Staqsejtu dwar il-kaxxa, ghidtlu "Jien ghal din il-kaxxa gejt" Qalli "Jiena jidhirli li dik il-kaxxa li ghidtlek illi gabli dan Joe, habib ta' dak hemm barra", cioe Mario Abdilla.". Skont l-Ispettur, ghal din il-konversazzjoni kienu prezenti tliet ufficjali tal-pulizija."

L-Ewwel Qorti ghamlet din il-kostatazzjoni –

"Fil-fehma tal-qorti d-domandi li saru lil Camilleri setghu jwasslu biex bit-twegiba li jaghti, jinkrimina lilu nnifsu."

L-Ewwel Qorti rrimarkat ukoll illi –

"Mill-atti kriminali jirrizulta li waqt il-kumpilazzjoni xehedu ufficjali tal-pulizija u qalu x'qal Alfred Camilleri meta ttiehed fi Triq Sant'Ursola u ghamillu xi domandi l-Ispettur Ciappara. Dawn kienu l-istess Spettur (seduta tal-20 ta' Settembru 2006), Diane Fenech (seduta tal-20 ta' Settembru 2006) u PS1086 Johann Micallef (seduta tat-22 ta' Novembru 2006) u PC213 Nicolai Borg (seduta tal-1 ta' Dicembru 2006)."

## IV. <u>Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti</u>

Saret riferenza mill-Ewwel Qorti ghas-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Salduz v. Turkija** ["Salduz"] tas-27 ta' Novembru 2008. Skont l-Ewwel Qorti, f'dik id-decizjoni l-Qorti ghamlitha cara li:

*"..... in order for the right to a fair trial to remain sufficiently 'practical and effective' … Article 6§1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 … … …. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements*

*made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.”*

Skont l-Ewwel Qorti:

*“l-enfazi hi cara, l-access ghall-avukat hi centrali biex jigi assigurat ir-rispett ghad-dritt li s-suspettat ma jinkriminax lilu nnifsu. Dritt li kien gie rikonoxxut mill-Grand Chamber fil-kaz* **Saunders v. United Kingdom** *(1996):*

*““The Court recalls that, although not specifically mentioned in article 6 of the Convention, the right to silence and the right not to incriminate oneself, are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under article 6. Their rationale lies, inter alia, in the protection of the accused against improper compulsion by the authorities thereby contributing to the avoidance of miscarriages of justice and to the fulfilment of the aims of article 6 ... The right not to incriminate oneself, in particular, presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused. In this sense the right is closely linked to the presumption of innocence contained in article 6(2) of the Convention.”*

“Minn qari tas-sentenza ta’ Salduz hu altru milli evidenti li persuna li tkun taht il-kustodja tal-pulizija ghandu jkollha access ghall-avukat qabel twiegeb ghal domandi. Il-Qorti esprimiet il-fehma li *“... the absence of a lawyer while he was in police custody irretrievably affected his defence rights”.* Mill-gurisprudenza ta’ Strasbourg hu evidenti li m’huwiex bizzejjed ghas-sistema legali li tassigura li s-suspettat jaf li ghandu dritt ghas-silenzju u li dan jigi salvagwardjat kontra kull possibilta` li b’theddid jew weghdiet ta’ kull xorta, jista’ jigi indott kontra l-volonta` tieghu li jitkellem u b’hekk jinkrimina lilu nnifsu. Hu imperattiv li qabel jigi interrogat jinghata l-opportunita` li jikkonsulta ma’ avukat biex jaghtih parir mhux biss dwar id-dritt tas-silenzju, imma wkoll jekk huwiex fl-interess tieghu li jezercita tali dritt, billi ma jghid xejn jew jaghmel

dikjarazzjoni limitata. Sahansitra, l-Imhallef Bratza (illum President tal-Qorti) mar pass iktar 'il quddiem meta qal: *"I consider that the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention".*

"Il-principju stabbilit fil-kaz ta' Salduz ma japplikax biss fil-kaz ta' interrogatorju li jsir fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Domandi jistghu jsiru barra fit-triq, f'karrozza, jew f'dar kif gara f'dan il-kaz. Dan qieghed jinghad mehud ukoll in konsiderazzjoni li:-

"i. Fi kliem l-Ispettur Ciappara stess, Camilleri kien arrestat. Il-Qorti trid taghmilha cara li b'daqshekk m'hijiex tghid li dak li jinghad fis-sentenza ta' Salduz japplika biss fil-kaz ta' persuna li tkun taht arrest, materja li m'hijiex qieghdha tigi trattata f'dan il-kaz.

"ii. F'dak l-istadju kien diga` evidenti li Alfred Camilleri kien qieghed jigi trattat bhala persuna suspettata li wettqet reat u mhux bhala semplici xhud. Ghalkemm hu minnu li l-investigazzjoni kienet dwar Mario Abdilla, pero` hu altru milli evidenti li sa qabel l-arrest ta' Camilleri, il-pulizija ratu jgorr il-kaxxa li fiha kienu nstabu l-pilloli. Skont ma xehed l-Ispettur Ciappara waqt l-istruttorja, il-pulizija li kienu ghassa raw lil Camilleri u Abdilla jgorru u jdahhlu l-kaxxa fil-fond numru 134, Triq Sant'Ursola, Valletta. F'dak ix-xenarju Camilleri ma setax ma kienx ukoll suspettat bhala wiehed mill-persuni li wettaq ir-reati."

L-Ewwel Qorti ttrattat il-kwistjoni tar-rimedji ghall-ksur li accertat illi kien sar ghad-dritt tal-akkuzat ghal smigh xieraq wara li tat konsiderazzjoni ghal dak illi kien qieghed jitlob ir-rikorrent u cioe` l-kancellament tal-proceduri li kienu ttiehdu kontra tieghu. Qalet hekk:

"… fil-fehma tal-qorti ikun kontrosens li din il-qorti tiddikjara li l-akkuzat sofra ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq ghaliex ma nghatax access

ghall-avukat qabel l-interrogazzjoni, u mbaghad tghid li l-istqarrija tintuza fil-proceduri kriminali. Fejn hemm inkonsistenza bejn id-drittijiet fundamentali u provvediment tal-ligi, huma d-drittijet fundamentali li jridu jipprevalu (ara Artikolu 3 tal-Att XIV tal-1987). L-akkuzat ghandu dritt li jinghata rimedju xieraq. X'jista' jkun dan ir-rimedju fi proceduri kriminali li ghadhom pendenti? Ghal din il-qorti t-twegiba hi li l-istqarrija ma titqiesx bhala prova, u cjoe' ma tibqax fl-atti. Il-fatt li l-istqarrija tibqa' fl-atti jfisser li tista' tintuza fil-proceduri kriminali kontra l-akkuzat. Ir-raguni tghidlek ukoll li jekk dik il-prova tibqa' fl-atti ghalkemm ma tissemmix fil-motivazzjoni tas-sentenza bhala raguni li wassal lill-qorti biex tikkonkludi li hu hati, hemm xorta l-periklu li tkun ghenet biex isahhah il-konvinciment ta' min irid jiddeciedi li l-akkuzat hu hati tar-reat. Dan irrispettivament jekk il-kwistjoni tal-htija tigi deciza minn gurati jew minn gudikant. Ghalkemm hu minnu li waqt guri l-qorti tista' taghti ordni fejn ma tippermettix lill-prosekuzzjoni li taghmel riferenza ghal dik il-parti ta' xhieda li nghatat waqt l-istruttorja u li tirreferi ghal dak li qal Camilleri fis-7 ta' Settembru 2006 lill-pulizija, pero l-kaz ma jieqafx mas-sentenza tal-Qorti Kriminali in kwantu eventwalment jista' jkun hemm appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Irrispettivament ta' x'tista' tkun il-fehma ta' din il-qorti, bis-sentenza ta' Salduz gie stabbilit li r-restrizzjoni ghall-access ghall-avukat tippregudika d-dritt tal-akkuzat ghall-difiza, u l-assistenza legali li nghata wara jew n-natura kontestata tal-proceduri sussegwenti ma jistghux jissanaw id-difetti li sehhew meta r-rikorrent kien taht il-kustodja tal-pulizija. Il-qorti ta' Strasbourg ma ghamlitx distinzjoni per ezempju bejn nies li diga' xellfu difrejhom mal-gustizzja u huma midhla tal-pulizija, u nies li qatt ma ghaddew minn esperjenza ta' interrogazzjoni. Madankollu llum l-ebda qorti lokali ma tista' tregga' l-arlogg lura u ma jidhirx li hemm mod kif wiehed jista' jahrab minn dak dikjarat f'dik is-sentenza. L-ghoti ta' somma flus bhala danni hu biss rimedju sussidjarju. Stqarrijiet li jittiehdu minghajr mal-persuna tkun inghatat access ghall-avukat, ma ghandhomx jintuzaw bhala prova kontrieha. Dan ghandu japplika wkoll ghal xiehda li tkun ser tressaq il-prosekuzzjoni biex

jirrakkontaw dwar xi stqarrija verbali tal-akkuzat meta jkunu sarulu mistoqsijiet fil-presenza taghhom.”

L-Ewwel Qorti skartat l-argumenti tal-Avukat Generali. Qalet hekk –

*“… m’huwiex bizzejjed li l-pulizija taghti twissija li l-persuna ghandha dritt ma twegibx u li dak li tghid jista’ jingieb bhala prova fi proceduri gudizzjarji …*

*“… ghalkemm hu minnu li fil-kaz ta’ Salduz il-persuna li kienet taht il-kustodja tal-pulizija kienet minorenni, madankollu s-sentenza ma kenitx limitata ghal min ghadu taht l-eta’ …*

*“… f’dan il-kaz il-qorti ma tqisx li kien hemm xi cirkostanzi tali li d-dritt ghall-access ta’ avukat kellu jigi ristrett …*
*“… Fis-sentenza ta’ Salduz il-qorti ma ghamlitx distinzjoni dwar il-perjodu meta jkunu saru d-domandi …*

*“… Ghalkemm l-Avukat Generali jsostni li biex wiehed jiddeciedi dwar kienx hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq jehtieg li jsir stharrig tat-totalita’ tal-proceduri (**Imbrioscia v Switzerland** inghatat fl-24 ta’ Novembru 1993), biex tkun tista’ taghmel hekk trid tistenna l-ezitu finali tal-kawza. F’dan l-istadju m’huwiex possibbli li tkun taf jekk ir-rikorrent huwiex ser jigi effettwat min-nuqqas ta’ access ghall-avukat, u dan peress li l-process kriminali ghadu pendenti u gialadarba ma nafux jekk dak li qal jintuzax bhala prova kontrih f’kaz li jinstab hati tal-akkuzi. Hu wkoll cert li fil-guri mhux ser ikun possibbli li wiehed ikun jaf jekk dak li qal lill-pulizija ttiehidx in konsiderazzjoni biex jinstab hati, peress li l-gurati ma jaghtux motivazzjoni ghad-decizjoni li jkunu waslu ghaliha. F’dan il-kuntest hi interessanti s-sentenza tas-16 ta’ Novembru 2010 tal-Grand Chamber fil-kaz **Taxquet v Belgium** li kienet tittratta ilment dwar nuqqas ta’ smigh xieraq f’guri, u l-konkluzjoni kienet li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni peress li d-decizjoni tal-Qorti Kriminali ma kenitx motivata. Rilevanti wkoll li l-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** (11 ta’ April 2011) diga’ kellha l-opportunita tghid li n-nuqqas ta’ access ghall-*

*avukat waqt l-investigazzjoni jista' jippregudika rrimedjabilment id-dritt ghad-difiza tal-akkuzat, u "jekk hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm lezjoni, m'ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le. … …"*

## V. L-appell tal-Avukat Generali

L-Avukat Generali appella minn din is-sentenza b'rikors tal-24 ta' Jannar 2012 fejn talab il-konferma ta' fejn l-Ewwel Qorti ma sabet l-ebda lezjoni tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("Il-Kostituzzjoni") u fejn talab ir-revoka tal-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Tnejn kienu l-aggravji: (i) illi meta saru d-domandi lill-Alfred Camilleri fis-7 ta' Settembru 2006, is-suspett kien f'Mario Abdilla u ma kien hemm l-ebda suspett konkret f'Alfred Camilleri. Ghalhekk l-appellat ma kienx *'suspect'* f'dik il-fazi inizjali tal-investigazzjoni, u kwindi l-Art. 6(3)(c) abbinat mal-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("Il-Konvenzjoni") ma japplikawx fic-cirkostanzi tal-kaz; (ii) *dato non concesso* li fis-7 ta' Settembru 2006 Alfred Camilleri kien *'suspect'* fil-kuntest ta' Salduz, ma kienx hemm ksur tal-jeddijiet tieghu.

## VI. It-twegiba tal-appellat

Alfred Camilleri wiegeb fit-22 ta' Frar 2012 u fisser ghala, fil-fehma tieghu, l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata ghandha tkun konfermata fl-intier taghha.

## VII. L-ewwel aggravju

Din il-Qorti sejra taghmel riferenza ghax-xhieda illi taw dawk il-membri tal-korp tal-pulizija li isimhom kien indikat fl-ordni ta' riferenza. Sejra tillimita ruhha ghal dak li tqis rilevanti ghall-fini tal-ewwel aggravju u sejra tissofferma ghal dak li huwa dettall fuq id-depozizzjoni tal-Ispettur (illum Supretendent) Norbert Ciappara.

### i) L-Ispettur Norbert Ciappara

Fid-depozizzjoni tieghu fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2006 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, l-Ispettur Ciappara xehed hekk *inter alia* –

"… L-ghada fis-7 ta' Settembru 2006 jien u s-supretendent Neil Harrison tajna briefing lin-nies taghna fejn indikajnielhom min kienu s-**suspettati** f'din l-investigazzjoni fosthom l-imputat li qed naghraf prezenti fl-awla Mario Abdilla li qieghed fuq in-naha tal-lemin tal-Qorti u **lis-Sur Alfred Camilleri li mill-investigazzjonijiet li konna ghamilna sa dak il-hin kien qed jirrizultalna illi seta' kien involut f'din il-bicca xoghol ta' importazzjoni ta' droga wkoll**."

Wara li l-pakkett bid-droga wasal minn barra, il-pulizija ghamlet *controlled delivery.* Il-pakkett kellu jingabar minghand l-agenzija Thomas Smith ta' Triq San Kristoforu, Valletta. Abdilla u Camilleri kienu pedinati mill-pulizija.

L-Ispettur Ciappara kompla jghid hekk –

"… il-pulizija osservat lil Mario Abdilla diehel ghand l-agenzija ta' Thomas Smith u s-Sur Camilleri kien baqa' jitlajja fl-inhawi fin-naha ta' barra pero' hin minnhom dan il-pakkett inhareg minghand Thomas Smith u ingarr **mis-Sur Camilleri** u mis-Sur Abdilla lejn fond 134 Strada Sant Ursola il-Belt Valletta."

Mill-Belt, Abdilla u Camilleri marru lejn ic-Cirkewwa.
Hemm twaqqfu mill-pulizija li hadithom lura l-Belt.

L-Ispettur Ciappara kompla jixhed hekk –

"… **meta jien staqsejt lis-Sur Alfred Camilleri** fejn kien joqghod, huwa qalli li hu kien joqghod 188F Strada Sant Ursola Valletta pero' meta staqsejtu min kien joqghod f'134 huwa qalli li kienet toqghod il-mama tieghu. Informajtu li kelli bzonn naghmel perkwizizzjoni f'dak il-fond u qalli all right. Qalli biex inkunu prudenti ghax il-mama' tieghu kienet anzjana u ghidnielu li mhux problema. Meta dahlna f'dak il-fond, fetahli hu stess, talab

lill-mama tieghu twaddablu cavetta minn fuq. Staqsejtu jekk kienx dahhal xi pakkett hemm hekk. Huwa mill-ewwel qalli li kien dahhal u mbaghad qalli li ma kienx dahhal. Meta ergajt staqsejtu jekk kienx dahhal xi pakkett biex izommulu u mbaghad kellu jigi wiehed ghalih. Meta staqsejtu fejn ghamel dan il-pakkett kien indikali li ghamlu taht tarag. Meta ghidtlu biex jurini, huwa fetah purtiera u xeghel id-dawl f'kamra zghira hafna taht tarag. Jiena mill-ewwel rajt il-kaxxa li konna investigajna gurnata qabel pero ma wrejtux li qed naghraf il-kaxxa u staqsejtu liema hu l-pakkett li kien dahhal hemm gew. Meta hu ra li jiena ma tajtux x'jifhem u allura haseb li jiena ma kontx naf x'dahhal hemm hekk, qalli li ma kien dahhal l-ebda kaxxa hemm hekk. Qalli li mhux vera kien qall hekk. Meta ergajt iffaccjajtu li kien qalli dak id-diskors, qalli li kien dahhal, kien hemm tapit f'kantuniera u qalli li kien dahhal lilu. Meta imbaghad dort u ghidtlu din il-kaxxa x'inhi, qalli li dik il-kaxxa hija dik il-kaxxa li dan Joe li semmieli hu kien hallielu hemmhekk biex imbaghad jigborha xi hadd li hu ma kienx jaf min hu. Meta ergajt staqsejtu min tahielu sew dik il-kaxxa u min hu dan Joe huwa mbaghad qalli li dik il-kaxxa kien gabha hemmhekk u kien tahielu biex izommha hemmhekk Mario Abdilla. Huwa indikali bhala Mario Abdilla bhala l-persuna l-ohra li kienet giet arrestata mieghu …

"… gew elevati wkoll … zewg mobile phones wiehed tal-marka Samsung u l-iehor tal-marka LG. Dawn il-mobile phones gew elevati minn gol-karozza li kien qed isuq Alfred Camilleri li wara Alfred Camilleri qalli li l-mobile phones it-tnejn kienu tieghu pero' wiehed is-Samsung qalli li kien silfu lil Mario Camilleri kemm kellu jdum Malta …

"… Fil-konfront ta' Alfred Camilleri, jiena fit-8 ta' Settembru wkoll kont kellimtu lil Alfred Camilleri u hadtlu stqarrija **wara li wkoll kien moghti t-twissija**. Huwa ghazel li jwiegeb xi mistoqsijiet rigward l-aspett socjali tieghu pero' ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda li ghamiltlu fil-konfront tal-kaxxa u l-pakkett, il-kaxxa li kien dahhal hu flimkien ma' Mario Abdilla fir-residenza tal-mama tieghu …"

(sottolinear u enfasi tal-qorti)

ii) <u>Il-Kuntistabbli Diane (mhux Ryan) Fenech</u>
Mill-atti tal-istruttorja ma jirrizultax illi xehed Kuntistabbli Fenech jismu *Ryan* izda Kuntistabbli kunjomha Fenech u jisimha *Diane* stazzjonata d-*Drug Squad*. Din xehdet fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2006. Kienet prezenti ghat-tfittxija li saret fil-fond ta' Strada Sant'Ursola, Valletta, fil-prezenza ta' Alfred Camilleri u xehdet *inter alia* dwar diskors li Alfred Camilleri stqarr wara li kien mistoqsi mill-Ispettur Norbert Ciappara.

iii) <u>PS 1086 Johann Micallef</u>
Dan xehed fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2006. Kien prezenti ghat-tfittxija li saret fid-dar tar-residenza ta' omm Alfred Camilleri fis-7 ta' Settembru 2006. Bhal Kuntistabbli Fenech, xehed *inter alia* dwar domandi li l-Ispettur Norbert Ciappara ghamel lil Alfred Camilleri waqt it-tfittxija u li Alfred Camilleri wiegeb ghalihom.

iv) <u>PC 213 Nicolai Borg</u>
Dan xehed fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2006 dwar il-pedinament ta' Mario Abdilla u Alfred Camilleri fis-7 ta' Settembru 2006. Kien prezenti ghat-tfittxija li saret fil-fond 134, Strada Sant'Ursola, Valletta, fl-istess gurnata. Xehed *inter alia* dwar domandi li l-Ispettur Norbert Ciappara ghamel lil Alfred Camilleri waqt it-tfittxija. Alfred Camilleri wiegeb ghad-domandi.

Huwa evidenti mill-ezami tax-xhieda ta' dawn l-erba' membri tal-korp tal-pulizija illi fis-7 ta' Settembru 2006, meta l-Ispettur Norbert Ciappara ghamel domandi lil Alfred Camilleri, wara li kien ittiehed il-Belt wara li nzamm mill-pulizija fic-Cirkewwa, huwa ma nghatax *caution*. It-twissija inghatat lill-istess Camilleri qabel ma ghamel l-istqarrija li saret bil-miktub fit-8 ta' Settembru 2006. Huwa wkoll evidenti illi almenu sa minn meta bdiet il-*controlled delivery* is-suspetti tal-pulizija ma kinux limitati ghal Mario Abdilla, izda kienu jestendu wkoll ghal Alfred Camilleri, kif jixhed mhux biss il-kliem izda anke l-imgieba tal-Ispettur Norbert Ciappara.

L-ewwel aggravju tal-Avukat Generali kif dedott huwa ghalhekk michud.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

L-Avukat Generali jsostni t-tieni aggravju principalment kif gej –

"i) Illi ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta' smigh xieraq meta bniedem jigi akkuzat b'reat kriminali. Kull meta l-Qorti Ewropeja sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq minhabba n-nuqqas ta' assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija, dejjem ikkwalifikat il-gudizzju taghha u rriteniet illi jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser ikollha smigh xieraq fil-proceduri kriminali, allura l-persuna ghandha dritt tkun assistata minn avukat waqt l-interrogazzjoni. L-esponenti jirrileva li certament mhux il-kaz li l-Qorti Ewropeja irriteniet li jekk persuna ma kenitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta' dritt ta' smigh xieraq.

"ii) Illi d-dritt ta' smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha.

"iii) Illi Alfred Camilleri bl-ebda mod ma kien imgieghel li jaghmel id-dikjarazzjonijiet li ta matul l-investigazzjonijiet. F'kull kaz huwa nghata t-twissija skont il-ligi senjtament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq. Huwa manifest li Alfred Camilleri kien qieghed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha.

"iv) Illi c-cirkostanzi specifici ta' dan il-kaz huma ben diversi mic-cirkostanzi fil-kawzi li ghalihom ghamlet riferenza l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). F'dan il-kuntest, li kieku ghall-grazzja tal-argument id-domandi li saru lill-akkuzat fis-7 ta' Settembru 2006 jitqiesu "first interrogation of a suspect by the police" dawn ic-cirkostanzi huma tali li jimmeritaw il-limitazzjoni tad-dritt tal-akkuzat li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu.

“v) Illi access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demostrated in the light of the particular circumstances of the each case that there are compelling reasons to restrict this right.

“vi) Illi dawn ir-ragunijiet jinkludu l-fatt li l-Pulizija kienet qed issegwi u tindaga dwar il-pakkett u mhux lill-akkuzat f’dik il-fazi inizjali tal-investigazzjoni kif ukoll ghaliex … li kieku l-pulizija tat lill-akkuzat l-opportunita’ li jikkonsulta ma’ avukat ta’ fiducja tieghu fil-mument meta inqabad jikkunsinna l-pakkett in kwistjoni, kien hemm kull probabilita’ li t-traccja ta’ dak il-pakkett kienet ser tintilef.

“vii) Illi dak li stabilixxa l-kaz ta’ Salduz huwa biss principju.

“viii) Illi oltre d-dikjarazzjoni li ghamel l-appellat fis-7 ta’ Settembru 2006 kien hemm provi ohrajn li jikkorraboraw it-tezi tal-prosekuzzjoni.

“ix) Illi d-decizjoni ta’ Salduz v. Turkija ma tapplikax ghac-cirkostanza tar-riferenza kostituzzjonali odjerna li jirreferu ghal dikjarazzjonijiet li gew rilaxxjati … qabel id-decizjoni ta’ Salduz.”

Ir-rikorrent iwiegeb ghat-tieni aggravju billi jghid:

“i) Illi minkejja l-izviluppi kostituzzjonali radikali li sehhew da ricenti proprju dwar id-dritt ghall-assistenza legali qabel ma tittiehed l-istqarrija, l-Avukat Generali donnu jrid jibqa’ jghaddas rasu fir-ramel u jinsisti illi n-nuqqas ta’ assistenza legali qabel l-interrogazzjoni ta’ suspettat mhux leziv tad-dritt ghal smigh xieraq. Ighid ukoll l-Avukat Generali illi l-appellat ma giex imgieghel jirrispondi d-domandi li sarulu, bhal donna l-Avukat Generali qed jaghti x’jifhem illi l-ezami li irid isir dwar hemmx lezjoni ta’ smigh xieraq o meno hu li l-persuna suspettata gietx imgieghla twiegeb id-domandi jew le.

"ii) Illi *the legal principle to be derived from the judgement (b'riferenza ghal Salduz) is therefore normally and apart from exceptional limitations an accused person in custody is entitled right from the beginning of police custody or pre-trial detention to be visited by defence counsel to discuss everything concerning his defence and his legitimate needs. Failure to allow that possibility regardless of the question of interrogations and their use by the Courts, amounts, subject to exceptions, to a violation of Article 6 of the Convention.*

Din il-Qorti ttenni illi l-jedd li jaghtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak ghal smigh xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu suspettat, jew kull minn huwa akkuzat b'reat kriminali, jigi liberat minn dik l-akkuza, jew li akkuzat jinghata l-mezzi biex, hati jew mhux, jinheles mill-akkuza, jew li, minhabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti ghandu jinstab hati ghandu jithalla jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu. Il-jedd ghal smigh xieraq jinghata kemm biex, wara process fi zmien ragjonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex hati ma jehilx bi htija, u biex jinghata l-mezzi kollha mehtiega ghalhekk, u kemm biex min huwa tassew hati ma jahrabx il-konsegwenzi tal-htija tieghu. Il-jedd ghal smigh xieraq ma jinghatax biex min hu tassew hati jasal biex, b'xi mod jew b'iehor, ma jwegibx tal-htija tieghu. Jekk il-jedd ghal smigh xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal ghal hekk, mela hemm xi haga hazina hafna fis-sistema tal-harsien tad-drittijiet.

Ghalhekk li trid taghmel din il-Qorti la huwa li tara jekk l-appellat huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-appellat kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq u jekk inholoqx il-perikolu illi l-appellat jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.

Li l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti ma huwiex wiehed purament formali, biex tara biss jekk sehhx "il-fatt biss li r-rikorrent kien prekluz mil-ligi li jikkonsulta ma' avukat",

huwa kompatibbli mad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'din il-materja. Hekk, fil-kaz ta' **Imbrioscia v. l-Isvizzera** tal-24 ta' Novembru 1993 fejn il-Qorti Ewropeja osservat illi:

*"Other requirements of Article 6 - especially of paragraph 32 - may also be relevant before a case is sent for trial if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with them."*

Fil-fatt f'dak il-kaz il-Qorti kienet sabet illi ma kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq ghalkemm ir-rikorrent ma kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt li kien qieghed ikun interrogat.

Ukoll fil-kaz ta' **Ahmet Mete v. it-Turkija** tal-25 ta' April 2006 il-Qorti Ewropeja ma sabitx ksur, ghalkemm f'dan il-kaz ukoll ir-rikorrent ghamel stqarrija minghajr ma kellu ghajnuna ta' avukat. Il-Qorti qalet hekk:

*"26. Even assuming that the authorities refused to assign him a lawyer, despite his explicit request, the Court is of the opinion that the lack of legal assistance at the early stage of the proceedings did not deprive the applicant of a fair hearing. In reaching this conclusion, the Court has taken into account the entirety of the proceedings, in particular the fact that the applicant had a lawyer throughout the proceedings before the İzmir State Security Court and the Court of Cassation. Moreover, the Court notes that the İzmir State Security Court based its final decision, not only on his statements given in police custody but also on his statements given during the hearings, his confessions made before the public prosecutor and the statements of the other accused.*

*"27. The applicant's lack of access to legal assistance during the preliminary investigation cannot, therefore, be considered to have deprived him of a fair trial within the meaning of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.*

*“28. The Court concludes that this complaint is manifestly ill-founded within the meaning of Article 35 § 3 of the Convention and must, therefore, be declared inadmissible.”*

Tassew illi jidher illi f’sentenzi aktar ricenti l-Qorti Ewropeja x’aktarx bidlet l-atteggjament, u tidher li trid taghti x’tifhem illi l-ghajnuna ta’ avukat f’kull waqt tal-process penali, sa mill-ewwel interrogazzjoni, hija fattur *sine qua non* ghal smigh xieraq. Hekk, fil-kaz ta’ **Salduz v. it-Turkija** tas-27 ta’ Novembru 2008 osservat illi:

*“55. … the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently “practical and effective” Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.”*

Ghandu jinghad, izda, illi l-kaz ta’ Salduz kien wiehed estrem u eccezzjonali. L-akkuzi migjuba kontrieh mill-istat tork kienu x’aktarx ta’ natura politika – kien mixli, u eventwalment instab hati, talli ha sehem f’attivita` ta’ partit politiku u wahhal strixxun (*banner*) bil-kliem *“Long live the leader Apo”* – u kellu biss sbatax-il sena meta gie interrogat u ammetta dan kollu minghajr ma nghata l-ghajnuna ta’ avukat. Meta, izda, jumejn wara, rega’ gie interrogat mill-magistrat inkwirenti cahad l-akkuzi u qal illi l-ammissjoni kien ghamilha taht theddid, swat u maltrattament fiziku u psikologiku mill-pulizija.

L-istess kundizzjonijiet eccezzjonali u estremi kienu prezenti wkoll f’kazijiet ohra fejn il-Qorti Ewropeja sabet ksur minhabba n-nuqqas ta’ ghajnuna ta’ avukat. Fil-kaz

ta' **Panovits v. Cipru** tal-11 ta' Dicembru 2008, l-investigat kien minorenni meta kien interrogat. Barra minn hekk, minhabba l-imgieba hazina tal-avukat tieghu – li l-Qorti kellha tikkundannah ghal disprezz *in faciem curiae* – inholoq suspett ta' nuqqas ta' imparzjalita` fil-gudikanti u ghalhekk il-process mehud kollu kemm hu ma tax il-garanziji mehtiega biex ikun meghlub kull pregudizzju li seta' nholoq minhabba t-tehid ta' stqarrija minghand minorenni.

Ghalkemm is-silta migjuba fuq mill-para. 55 tas-sentenza ta' <u>**Salduz**</u> tidher x'aktarx kategorika, dak li jinghad f'dik is-silta ghandu jinqara wkoll fid-dawl ta' dak li jinghad f'partijiet ohra tas-sentenza, partikolarment fil-para. 51 *et seqq*:

*"51. The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless, Article 6 § 3 (c) does not specify the manner of exercising this right. It thus leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial systems, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to "guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective" and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused.*

*"52. National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings. In such circumstances, Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. However, this right has so far been considered capable of being subject to restrictions for good cause. The question, in each case, has therefore been whether the restriction*

*was justified and, if so, whether, in the light of the entirety of the proceedings, it has not deprived the accused of a fair hearing, for even a justified restriction is capable of doing so in certain circumstances.*

*"53. These principles, outlined in paragraph 52 above, are also in line with the generally recognised international human rights standards which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities. They also contribute to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused.*

*"54. In this respect, the Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial. At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself. This right indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused. Early access to a lawyer is part of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. In this connection, the Court also notes*

*the recommendations of the CPT[1], in which the committee repeatedly stated that the right of a detainee to have access to legal advice is a fundamental safeguard against ill-treatment. Any exception to the enjoyment of this right should be clearly circumscribed and its application strictly limited in time. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies."*

Naraw issa kif dawn il-principji jolqtu l-fatti tal-kaz tal-lum.

Meta l-Ispettur Norbert Ciappara kellem lill-appellat fis-7 ta' Settembru 2006, dan kellu 55 sena. Mill-fedina penali tal-akkuzat, li kienet prezentata fl-atti tal-istruttorja fid-9 ta' Settembru 2006, jirrizulta illi l-appellat kellu sitt *convictions*, kollha kemm huma fiz-zmien ta' bejn 1965 u l-1968; erbgha minnhom kienu ghax ghamilha ta' *hawker* minghajr licenzja tal-pulizija, wahda ghall-ksur tal-bon ordni u paci pubblika, u ohra ghal serq (din tal-ahhar l-aktar wahda qadima fiz-zmien). Ma jirrizultax li qatt skonta sentenza ta' prigunerija. Ma jirrizultax ippruvat li qabel kellmu l-Ispettur Ciappara kellu esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija jew kien involut fi tfittxija kif gara dakinhar tas-7 ta' Settembru 2006. Fis-sentenza **Paskal v. l-Ukrajna** tal-15 ta' Settembru 2011, il-Qorti Ewropeja qalet illi fil-"*the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed.*"

It-thassib ta' din il-Qorti jinsorgi mill-fatt illi qabel bdiet it-tfittxija, accertat il-fatt illi l-appellat kien suspettat bit-twettieq ta' reat, ma nghatax it-twissija li kellu jedd jibqa' sieket sakemm ma jinkriminax ruhu. Din il-Qorti tirrespingi l-argument tal-*compelling reasons* li ressaq l-Avukat Generali illi fil-mira tal-investigaturi ma kienx l-appellat izda t-tragitt tal-pakkett. Fil-fatt fil-mira tal-pulizija kien

[1] Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment.

kemm it-tragitt tal-pakkett kif ukoll l-involviment tal-appellat u ta' Mario Abdilla ma' dak il-pakkett. Ma jistax jitwarrab il-fatt accertat illi qabel il-pulizija zammet liz-zewg suspettati fic-Cirkewwa, huma kienu diga` qeghdin jinzammu taht osservazzjonijiet. Rawhom jigbru l-pakkett minghand l-agenti Thomas Smith, rawhom jitilqu bih mill-Belt lejn ic-Cirkewwa, kienu arrestati c-Cirkewwa u ttiehdu l-Belt minn hemm. Ghal din il-Qorti huwa rilevanti l-fatt illi qabel kien akkumpanjat id-dar tar-residenza ta' ommu, u qabel l-Ispettur Ciappara ghamillu d-domandi, l-appellat ma kienx mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx. Fic-cirkostanzi, ma jistax jinghad li l-appellat kien moghti ghazla li jibqa' sieket. Fil-kaz tal-lum ma hemm l-ebda allegazzjoni illi l-appellat kien mhedded jew imqarraq b'weghdiet ta' xi vantagg. Hemm pero` l-kwistjoni, li din il-Qorti tqis gravi, illi l-appellat ma nghatax il-libertà fl-ghazla jekk iwegibx jew le u b'hekk kien privat minn garanzija kontra kull pregudizzju jew riskju ta' awto-inkriminazzjoni. Fil-ligi taghna kif kienet fiz-zmien relevanti ghal kaz tal-lum, u cioe` qabel ma dahhlu fis-sehh l-Art. 355AT u 355AU tal-Kodici Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma twegibx ghal mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kundizzjonijiet. Ghalkemm fiz-zmien tal-kaz tal-lum, l-appellat ma setax jaghzel li jkellem avukat qabel ma jwiegeb, ma kienx liberu li jaghzel illi ma jwegibx id-domandi li saru mill-pulizija qabel u waqt it-tfittxija mill-pulizija tas-7 ta' Settembru 2006 ghaliex ma nghatax it-twissija. Din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma illi kien hemm ksur tal-jedd tal-appellat ghal smigh xieraq.

It-tieni aggravju tal-Avukat Generali qieghed ikun michud ukoll.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghdha tichad l-appell u tikkonferma id-decizjoni appellata. L-ispejjez tal-ewwel grad jibqa' kif deciz filwaqt illi l-ispejjez tal-appell ihallashom l-appellant. Ir-registratur ghandu jara illi kopja ta' din is-sentenza tiddahhal fl-atti tal-process kriminali kontra l-appellat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------